Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,163, 8 ta' Novembru, 2013

Taqsima B

A.L. 368 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) – u Bachelor of Communications - B.Comms - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) – u Bachelor of Communications - B.Comms – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) – u Bachelor of Communications - B.Comms - taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 280 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mit-28 ta' Ġunju 2013 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipli:

"(3) L-istudenti li jtemmu b'suċċess is-sentejn tal-Ewwel Parti, iżda ma jkunux kisbu l-livell ta' 65% biex ikunu kkunsidrati eliġibbli biex ikomplu għall-kors tal-Bachelor of Communications (Honours) kif meħtieġ mill-paragrafu (2) tal-ordinament (8), jistgħu jagħżlu, bil-permess tal-Bord, li jirrepetu l-programm ta' sena speċifika fil-qasam ta' studju tal-Communications, matul sena addizzjonali ta' studju. Wara li jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu (2) tal-ordinament 8, l-istudenti jkunu eliġibbli biex ikomplu għall-programm bl-Unuri. Dan il-provvediment jista' jiġi użat darba biss matul il-Kors."

4. Il-paragrafu (3) għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (4) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali.